# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 27 ta' Novembru tas-sena 2001.**

**Numru 37**

**Avviz numru 966/00/SM**

**Burmarrad Commercials**

**vs**

**Jason Vella**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat il-25 ta' Lulju tas-sena 2000 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

**1. Ihallas lill-attur is-somma ta' tlett mija u tmienja u erbghin lira Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm348.28,0), rapprezentanti s-somma dovuta minnu ghal xoghol ta' riparazzjoni fuq il-vettura tieghu li sar mis-**

**socjeta' attrici fuq inkarigu moghti minnu skond invoice datata 29 ta' Mejju, 2000;**

**2. Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata t-22 t' Awissu tas-sena 2000 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:**

**1. Illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante illi x-xogholijiet li saru fuq il-vettura proprjeta' tal-konvenut ma gewx ezegwiti skond l-arti u s-sengha, u l-vettura baqghet difettuza minkejja li saru diversi riparazzjonijiet, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;**

**2. Illi ghaldaqstant, l-ammont mitlub mhux dovut;**

**3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-ligi;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

**1. Illi l-konvenut kien proprjetarju ta' trakk li kien ha ghand is-socjeta' attrici biex jirrangawulhu;**

**2. Illi ghalkemm is-socjeta' attrici ghamlet xoghol mekkaniku fuqu, jirrizulta li baqa' bil-brejkijiet difettuzi;**

**3. Illi ghalkemm rega' ha l-istess trakk ghat-tiswija f'okkazjoni ohra, jirrizulta li t-trakk baqa' difettuz;**

**4. Illi ghalhekk il-konvenut kien kostrett ibiegh it-trakk f'dak l-istat bit-telf u min xtrah jirrizulta li sewwieh skond is-sena u l-arti;**

**5. Illi l-konvenut baqa' jirrifjuta jhallas lis-socjeta' attrici tax-xoghol fuq it-trakk stante li ma ssewwiex;**

**6. Illi s-socjeta' attrici intavolat din il-procedura biex tithallas l-ammont minnha pretiz;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi anke mix-xhieda ta' terz indipendenti, il-kontestazzjoni tal-konvenut tirrizulta ppruvata cioe', li t-trakk in dizamina baqa' ma ssewwiex sew;**

**Ghaldaqstant, filwaqt li tilqa' t-talbiet tal-konvenut tirrespingi t-talbiet tas-socjeta' attrici, bl-ispejjez.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**